19 ta' Ġunju, 1950.

Imħallfin :

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D., *A/President.*

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Neg. Antonio Zammit *versus* Giovanna Gatt

**Vitalizju — Forma — Modifiki fir-Rata tal-Vitalizju — Transazzjoni — Art. 1784 u 1277 (1) (d) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Biex jiġi validament kostitwit vitalizju hija meħtieġa l-kitba, u f'ċerti każi huwa rikjest l-att publiku; inkella l-ftehim tal-vitalizju huwa null.*

*Għall-istess raġunijiet li għalihom il-liġi trid il-kitba għall-validità ta' kostituzzjoni ta' vitalizju, hija meħtieġa l-kitba anki għall-validità tal-modifiki li jsiru lill-istess vitalizju.*

*Jekk imbagħad dawk il-modifiki jiġu kwalifikati li saru bħala transazzjoni, hija wkoll meħtieġa l-kitba; għax it-transazzjoni ma tiswiex jekk ma ssirx bil-miktub.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, fejn l-attur, wara li qal li b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Francesco Giorgio Schembri tat-13 ta' Jannar 1926 (dok. A) hu kkostitwixxa favur Francesco Gatt, awtur tal-konvenuta, u favur l-istess konvenuta, vitalizju ta' £15 fix-xahar; li din ir-rata mensili, bi ftehim bejnu u bejn l-imsemmi Francesco Gatt f'Novembru 1932, kienet ġiet ridotta għal £6 fix-xahar, u wara ż-żmien, u preċiżament fl-1 ta' Jannar 1946, bi ftehim bejn il-kontendenti, din ir-rata bekk ridotta ġiet awmentata għal £9 fix-xahar; li l-konvenuta, in vjolazzjoni ta' dan il-ftehim, li kellu eżekuzzjoni kontinwa għal sbatax-il sena, otteniet mandat ta' qbid kontra tiegħu, maħruġ minn din il-Qorti fl-24 ta' Awissu 1949, għas-somma ta' £120 għal tmien rati mit-13 ta' Jannar sat-13 ta' Awissu 1949; u li hu għandu jagħti lill-konvenuta s-somma ta' £54 għal sitt rati ta' £9 l-waħda mill-1 ta' Frar sal-31 ta' Lulju 1949; talab li, premessa d-dikjarazzjoni li bejn il-kontendenti kien sar ftehim li r-rata tal-vitalizju fuq imsemmi kellha tkun ta' £6 fix-xahar, u li dan il-ftehim ġie modifikat fis-sens li din ir-rata kellha tkun ta' £9 fix-xahar, u wara li jiġi meħud kwalunkwe provvediment opportun, għarraġunijiet fuq imsemmija l-mandat ta' qbid maħruġ minn din il-Qorti fl-24 ta' Awissu 1949 kontra l-instanti (dok. B) jiġi revokat in kwantu dan il-mandat jolqot is-somma li teċċedi dik ta' £54, peress li hu ma għandux jagħti lill-konvenuta s-somma mitluba b'dak il-mandat, imma biss is-somma ta' £54. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-16 ta' Marzu 1949 u tat-2 ta' Ġunju 1949, kontra l-konvenuta;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fit-3 ta' Marzu 1950, li biha ġie dikjarat li r-riduzzjoni tal-vitalizju kienet konċessa "ex gratia" u temporanea, li l-konvenuta setgħet twaqqaf, u fil-fatt waqqfitha, u għalhekk ċaħdet it-talbiet ta' l-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu; wara li kkunsidrat;

Li ma hemmx kuntrast bejn il-partijiet li bil-kuntratt tat-13 ta' Jannar 1926, għand in-Nutar Francesco Giorgio Schembri, l-attur obliga ruħu li jħallas vitalizju ta' £15 fix-xahar lil Francesco u Giovanna miżżewġin Gatt sal-mewt tas-superstiti minn dawn it-tnejn, u li f'ħajjiet Francesco Gatt, bil-kuntentizza ta' dan, il-vitalizju ġie mnaqqas għal £6 fix-xahar, u li

mill-bidu tas-sena 1946 l-istess vitalizju beda jitħallas bid-£9 fix-xahar. Iżda l-attur jippretendi li meta l-vitalizju ġie mnaqqas għal £6 fix-xahar, ir-riduzzjoni kienet definitiva u permanenti, u mhux temporanea, u meta fil-bidu tas-sena 1946 il-vitalizju sar £9 fix-xahar, dan sar "ex gratia" u għax ikkuntenta hu, u mhux għax kien obligat. Il-konvenuta tat versjoni oħra, u qalet li żewġha kien ikkuntenta li l-vitalizju jitħallas bis-£6 fix-xahar bħala konċessjoni temporanea, u mhux rinunzja definitivament għad-dritt li jitlob ir-rati kollha l-quddiem. Il-kwistjoni hija waħda ta' kredibilità; iżda l-Qorti tara aktar verosimili l-versjoni tal-konvenuta. U tabilħaqq, li r-riduzzjoni kienet miftehma...........;

*Omissis;*

Dana kollu juri li l-konvenuta ma kienetx irrinunzjat għad-dritt li titlob il-vitalizju kollu meta tkun trid, għall-quddiem. U l-konvenuta spiċċat biex talbet anki b'interpellazzjoni ġudizzjarja l-eżekuzzjoni kompleta tal-kuntratt tal-vitalizju da parti ta' l-attur; u billi dana ppretenda li ma jħallasx iżjed minn £9 fix-xahar, il-konvenuta għamlet atti eżekutivi b'mandat kontra l-attur;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur, u rat il-petizzjoni tiegħu fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi jiġi deċiż a tenur tad-domandi tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuta;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi b'kuntratt li sar għand in-Nutar Francesco Giorgio Schembri fit-13 ta' Jannar 1926 (fol. 5) l-appellant obliga ruħu li jħallas vitalizzju ta' £15........... Ma hemmx kuntrast bejn il-kontendenti li wara ċertu żmien l-appellant, f'lok £15, beda jħallas għal dak il-vitalizju £6 fix-xahar........... Mill-bidu ta' Jannar 1946 dik ir-rata ġiet awmentata għal £9 fix-xahar; iżda fil-bidu tas-sena 1949 l-appellant ġie nterpellat biex jerġa' jibda jħallas bir-rata ta' £15 fix-xahar skond l-imsemmi kuntratt...........;

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanti jsostni li r-riduzzjoni tal-vitalizju għal £9 fix-xahar...........;

Ikkunsidrat;

Illi għar-raġunijiet miġjuba fis-sentenza appellata din il-Qorti taqbel li l-appellant ma wasalx biex jipprova li l-ftehim minnu pretiż kien definitiv u għal dejjem. Fil-fehma tal-Qorti dak il-ftehim kien biss "modus vivendi" temporaneu, dettat miċ-ċirkustanzi li allura l-appellant kien jinsab fihom, u mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' l-appellata li tirreklama l-ħlas tal-vitalizju kollu meta jidhrilha;

Ikkonsidrat;

Illi anki kieku kellha tiġi aċċettata t-teżi ta' l-appellant, il-ftehim minnu pretiż ma kienx ikollu ebda valur legali. Infatti l-liġi (art. 1784 tal-Kodiċi Ċivili) titlob li l-att li bih jiġi kostitwit vitalizju għandu jirriżulta mill-kitba, u f'ċerti każi minn att publiku. Huwa intuwitiv, u ma għandux bżonn ta' dimostrazzjoni, li meta l-liġi għal ċerti raġunijiet tirrikjedi l-forma bil-miktub għall-eżistenza ta' l-att, dawk l-istess raġunijiet jikkonkorru biex anki mill-miktub jirriżultaw u jkollhom eżistenza legali l-modifiki għal dak l-istess att;

Jingħad ukoll illi l-ftehim li għalih waslu l-kontendenti bl-intervent ta' l-avukati tagħhom kien jammonta għal transazzjoni, skond l-art. 1812 tal-Kodiċi fuq ċitat; u anki din it-transazzjoni, biex tkun tiswa legalment, trid tirriżulta mill-kitba, kif espressament meħtieġ mill-art. 1277 (1) (d) ta' l-istess Kodiċi;

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra l-attur appellant.